## KRONAKA TAL-GHAQDA

Għandna l-pjaċir ngħarrfu li t-Tabib Ġ. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., President tal-"Għaqda", inħatar bħala Delegat ta' Malta li, bħala Kolonja Ingliża, ġiet mistiedna biex tibgħat Rappreżentant f'laqgħat ta' Konferenzi f'Londra dwar il-Mard tas-Sider u Konferenzi oħra dwar is-Sanità fost Kapijiet ta' Dipartmenti tas-Saħħa ta' l-Imperu Ingliż. Fil-waqt li nifirħulu ta' l-inkariku hekk għoli u ta' ġieħ li lilu ngħata bħala Tabib Prinċipali u Kap tad-Dipartiment Sanitarju ta' Malta, ħadna gost li rġajna rajnieh fostna b'riżultati sbieħ tal-missjoni tiegħu.

---

Nifirħu bil-qalb kollha lit-Tabib Rużar Briffa, M.D., B.Sc., Membru Akkademiku tal-"Għaqda" li wara stedina biex jieħu sehem f'Kungress Internazzjonali f'Londra, bħala Rappreżentant ta' Malta, dwar il-Mard tal-Ġilda, raġa' ġie fostna għax-xogħol tal-professjoni tiegħu bħala Speċjalista tal-Mard tal-Ġilda. It-Tabib Rużar Briffa kellu f'dan il-Kungress l-isbaħ opportunità li jiddiskuti diversi kwistjonijiet dwar il-mard tal-ġilda ma' speċjalisti oħra tad-dinja, l-iktar fuq ċerti mardijiet lokali, fosthom fuq il-Marda tal-Biċċa fit-trabi, magħrufa bl-isem ta' "Kala Azar" (Leishmaniasis), u tal-Ġdim li tagħhom it-Tabib Briffa fisser ir-rimedji u l-progressi li saru hawn Malta fil-kura ta' dan il-mard.

---

Għandna l-pjaċir ukoll insemmu s-sehem sabiħ li ħa x-xahar li ħareġ il-Professur Patri Serafin M. Zarb, O.B.E., S.Th.M., S.S.D., O.P., Membru Akkademiku tal-"Għaqda", fil-Kungress Ewkaristiku li sar f'Barċellona, Spanja, fejn huwa, bħala Delegat ta' l-Università Rjali ta' Malta fil-kwalità tiegħu ta' Dekan tal-Fakoltà tat-Teoloġija, kellu l-okkażjoni jitkellem fuq il-"Liturġija Ekkleżjastika bħala għaqda tas-sentimenti ta' l-Insara kollha fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija". Dan is-suġġett huwa tkellem fuqu f'waħda mit-tmien sezzjonijiet ta' Kummissjoni Dottrinali. Ippresjeda għad-diskors tal-Professur Patri Zarb, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Gonzi.

---



## GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

### MEMBRI ONORARJI

Aquilina Prof. G., B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), 104, Triq S. Franġisk, Floriana.
Cuschieri Prof. Patri A., Ph.D., D.D. (Greg.), Kunvent tal-Karmnu, Valletta.
Galea Mons. P., J.C.D., Triq Irjali, Tas-Sliema.
Muscat Azzopardi Gino, 20, Triq Irjali, Tas-Sliema.
Psaila Mons. Kan. K., D.Litt., Dar is-Sliem, Tas-Sliema.
Saydon Prof. Mons., P.P., B.Litt., B.L.Can., Lic.S.S., Żurrieq.

### MEMBRI AKKADEMIĊI

Agius Dr. E., M.D., B.Sc., D.P.H., D.Bact., 4, Victoria Ave., Sliema.
Agius Marju, 58, Triq Preziosi, Ħal Lija.
Apap Victor, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.
Barbara Patri Valentinu, O.P., Kunvent ta' S. Duminku, il-Birgu.
Biancardi Nikol, 65, Triq it-Torri, Tas-Sliema.
Borg Alf. M., Għajnsielem, Għawdex.
Born Patri Wistin, O.P., Kunvent ta' S. Duminku, Tas-Sliema.
Briffa Dr Rużar, B.Sc., M.D., Vincenti Buildings, Valletta.
Busuttil Kapt. J.E., 28, Railway Avenue, Ħamrun.
Buttiġieġ Dr. Ant., B.A., LL.D., 653, Triq S. Ġużepp, Ħamrun.
Camilleri Rev. Frans, 60, Triq Magri, Ħamrun.
Caruana Fran. Saverju, c/o Superior Courts, Valletta.
Caruana Karmenu, Nelson Str., Bormla.
Cassar Pullicino Ġ., 104, Triq S. Franġisk, Floriana.
Cassola Albert, 117, Triq Ridolfo, Tas-Sliema.
Cauchi Dr. G., LL.D., Misraħ il-Knisja, Nadur, Għawdex.
Cauchi Mons. P., 7, 8, Triq Dingli, Victoria, Għawdex.
Chetcuti Ġużè, Triq Pietro Floriani, Floriana.
Coleiro Prof. Kan. E., B.A., B.L.Can., D.D., Ph.D. (Lond.), 155, Triq Britannja, Valletta.
Cremona Antonio, 53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Raħal Ġdid.
Delia Patri Prov. G., S.J., Sarrija House, Floriana.
Diacono Ġużè, P.L., c/o Il-Berqa, Valletta.
Ellul Mercer, Ġużè, M.L.A., 37, Triq l-Imrabat, San Ġiljan.
Farrugia Rev. Kan. Ġammari, D.D., Elstree Buildings, Triq S. Ġużepp, Ħamrun.
Fenech Rev. Karm. S.J., Kulleġġ S. Lwiġi, B'kara.
Farrugia Rev. Kan. Karmenu, D.D., Triq Norfolk, Tas-Sliema.
Galea Kav. Dr. Ġużè, M.B.E., M.D., C.G.M.O., D.P.H., 29, Sur ta' Santa Barbara, Valletta.
Galea Joseph, B.A., 305, Triq San Pawl, Valletta.
Galea Patri Pawl, O.P., Kunvent ta' San Duminku, Rabat, Malta.
Gatt Ġużè, 125, Ix-Xatt tal-Pietà, Tal-Pietà.
Gatt Salvu, Triq Grenfell, San Ġiljan.
Glavina Patri Danjel, S.J., Sarria House, Floriana.
Gulia Wallace, B.A., B.Sc., Ph.C., D.P.A., Ħaż-Żebbuġ.